Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,009, 21 ta' Frar, 2023

Taqsima B

A.L. 45 tal-2023

ATT DWAR IR-REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA U L-ILMA (KAP. 545)

Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Bejgħ ta' Elettriku ġġenerat minn Unitajiet ta' Koġenerazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 37 tal-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, il-Ministru responsabbli għas-servizzi tal-enerġija u l-ilma wara konsultazzjoni mar-Regolatur, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Bejgħ ta' Elettriku ġġenerat minn Unitajiet ta' Koġenerazzjoni u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Bejgħ ta' Elettriku ġġenerat minn Unitajiet ta' Koġenerazzjoni, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali". L.S. 545.29.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2023.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tifsira "annwali", "kull sena" jew "is-sena" tiegħu għandha tiġi sostitwita b'din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "annwali", "kull sena" jew "is-sena" tfisser il-perjodu ta' żmien li jibda fl-1 ta' Jannar u jintemm fil-31 ta' Diċembru ta' kull sena;"; u

(b) it-tifsira "sostitut tal-prezz tas-suq" tiegħu għandha tiġi sostitwita b'din it-tifsira ġdida li ġejja:

" " sostitut tal-prezz tas-suq" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija fir-Regolamenti dwar l-Elettriku;". L.S. 545.34.

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Verżjoni Elettronika

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu (a) tiegħu, il-kliem "is-sostitut tal-prezz tas-suq għal kull kWh stabbilit taħt it-Tieni Skeda" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "is-sostitut tal-prezz tas-suq stabbilit skont ir-Regolamenti dwar l-Elettriku"; u

L.S. 545.34.

(ii) fil-paragrafu (b) tiegħu, il-kliem "is-sostitut tal-prezz tas-suq għal kull kWh stabbilit taħt it-Tieni Skeda" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "is-sostitut tal-prezz tas-suq stabbilit skont ir-Regolamenti dwar l-Elettriku"; u

L.S. 545.34.

(b) fis-subregolament (4) tiegħu, il-kliem "bis-sostitut tal-prezz tas-suq għal kull kWh stabbilit taħt it-Tieni Skeda" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "bis-sostitut tal-prezz tas-suq stabbilit skont ir-Regolamenti dwar l-Elettriku".

L.S. 545.34.

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

4. Is-subregolament (2) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(2) Il-ħlas tas-sostitut tal-prezz tas-suq stabbilit skont ir-Regolamenti dwar l-Elettriku għandu jkun soġġett għall-approvazzjoni tal-kapaċità tal-koġenerazzjoni kif meħtieġ f'dawn ir-regolamenti.".

L.S. 545.34.

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

5. Ir-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (2) tiegħu, il-kliem "tas-sostitut tal-prezz tas-suq għal kull kWh stabbilit taħt it-Tieni Skeda" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tas-sostitut tal-prezz tas-suq stabbilit skont ir-Regolamenti dwar l-Elettriku"; u

L.S. 545.34.

(b) fil-proviso għas-subregolament (2) tiegħu, il-kliem "f'kull sena kif stabbilit mit-Tieni Skeda" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "f'kull sena kif stabbilit mir-Regolamenti dwar l-Elettriku".

L.S. 545.34.

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

6. Fir-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "tas-sostitut tal-prezz tas-suq għal kull kWh stabbilit taħt it-Tieni Skeda" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tas-sostitut tal-prezz tas-suq stabbilit skont ir-Regolamenti dwar l-Elettriku".

L.S. 545.34.

Jemenda r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali.

7. Fis-subregolament (2) tar-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "tas-sostitut tal-prezz tas-suq għal kull kWh stabbilit taħt it-Tieni Skeda" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tas-sostitut tal-prezz tas-suq stabbilit skont ir-Regolamenti dwar l-Elettriku".

L.S. 545.34.

Verżjoni Elettronika

8. It-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi mħassra. Iħassar it-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.